**23 ta' April, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Carmelo Zerafa

*versus*

Nicola Buhagiar

**Mandat ta' Inibizzjoni — Obbligazzjoni "di fare" — Obligazzjoni "di non fare" — Art. 823, 833 u 876 tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-mandat ta' inibizzjoni, mill-liġi espressament rikonoxxut bħala wieħed mill-attijiet kawtelatorji li permezz tagħhom il-kreditur jista', jekk ikun hemm bżonn, jikkonserva d-drittijiet tiegħu, ma jistgħax ħlief jirrigwarda obligazzjoni "di non fare". Għaldaqstant, jekk wieħed jordna għamara u jibża li min kellu jagħmilhielu ma jikkonsenjahiex lilu, imma lil ħadd ieħor, ma jistgħax joħroġ mandat ta' inibizzjoni biex jiġi assikurat l-adempiment tal-obligazzjoni minnu allegata; għax dik hija obligazzjoni "di dare", li tinkludi l-konsenja tal-għamara.*

*Il-kreditur, f'każ simili, għandu mezzi oħra biex jassikura l-konsenja tal-għamara, apparti l-azzjoni ta' danni u nteressi*

*f'każ ta' vjolazzjoni tad-dmirijiet li jitnisslu mill-allegata obligazzjoni, imma mhux il-mezz tal-mandat ta' inibizzjoni, li jkun dirett biex jimpedixxi l-bejgħ jew konsenja ta' dik l-għamara lil ħadd ieħor.*

*Il-Qorti:*— Rat ir-rikors ta' Carmelo Zerafa tat-22 ta' April 1958, minn fejn jidher li, wara li ppremetta li l-intimat infurmah li jrid £600 f'lok £500, u li jekk ma jitħallasx dan il-prezz mhux sejjer jikkonsenjalu l-mobilja u ser ibiegħha lil ħadd ieħor, u li huwa pront li jħallas £500 mifthema, u jekk l-imputat ibiegħ dan is-sett lil ħadd ieħor huwa jsofri pregudizzju, talab li din il-Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-imsemmi Nicola Buhagiar, sabiex jiġi inibit li jbiegħ jew b'xi mod jiddisponi mis-sett tal-mobilja ta' sala li ġie maħdum fuq ordni tiegħu, u b'hekk jiġi kawtelat id-dritt tiegħu li jieħu pussess tal-imsemmi sett malli jkun komplet;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' April 1958, sabiex ir-rikors jiġi diskuss fit-23 ta' April 1958, fid-9 a.m., dwar jekk il-mandat jistgħax jiġi ammess jew għandux jiġi miċħud; bl-ordni tan-notifika lill-intimat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-kontenut tar-rikors, partikolarment fil-parti espożittiva tiegħu, jidher ċar li bil-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni r-rikorrent irid jikkonserva l-obligazzjoni "di dare", li tinkludi l-kunsinna tal-ħaġa li għaliha, skond l-allegazzjoni tar-rikorrent, obliga ruħu fil-konfronti tiegħu bil-bejgħ Nicola Buhagiar, u kien għalhekk li huwa jrid jinibixxi lill-intimat milli jiddisponi minnha;

Illi, però, il-mandat ta' inibizzjoni, mill-liġi espressament rikonoxxut bħala wieħed mill-attijiet kawtelatorji li permezz tagħhom kreditur jista', jekk ikun hemm bżonn, jikkonserva d-drittijiet tiegħu, skond l-art. 832 u 833 tal-Kap. 15 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, ma jistgħax ħlief jirrigwarda obligazzjoni "di non fare", kif

jidher ċar mid-diċitura tal-art. 876 tal-istess Kapitlu fuq imsemmi u mill-ġurisprudenza lokali, li tikkonferma din l-opinjoni;

Illi kwindi, peress li l-obligazzjoni tal-intimat hija dik "di dare", u għaliha r-rikorrent għandu mezzi oħra biex jikkawtela l-assikurazzjoni tal-adempiment tal-obligazzjoni allegata mir-rikorrent, u mhux il-proċedura tentata, apparti l-azzjoni tad-danni u nteressi f'każ ta' vjolazzjoni tad-dmirijiet li jitnisslu minn dik l-allegata obligazzjoni (ara L.11 §2; LL.31 u 36 ff. de act. emp. et vend.; LL.3 et 11 in fin, ff. de peric. et com. rei vend.; L.5. §2, ff. commod; L.35 §4 de centrali... emptione), l-istess talba ma tistgħax tiġi milqugħa bil-favur;

Għalhekk;

Tiċħad it-talba, bl-ispejjeż għar-rikorrent; salva lilu kwalunkwe kawtela oħra, "si et quatenus", skond il-liġi.